

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Lulju 2013 — ZZ vs Europol**(Kawża F-67/13)**

(2013/C 274/50)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrenti:* ZZ (rappreżentant: J.-J. Ghosez, avukat)*Konvenut:* Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

Annulament tad-deċiżjoni li ma jiġgeddix il-kuntratt għal żmien determinat tar-rikorrenti.

Talbiet tar-rikorrenti

— jannulla d-deċiżjonijiet meħuda mill-konvenut fis-26 ta' Settembru u fis-7 ta' Diċembru 2012 li permezz tagħhom il-konvenut informa lir-rikorrenti li huwa ma kienx ser iġġedded il-kuntratt għal żmien determinat tagħha li kien jiskadi fil-31 ta' Marzu 2013, kif ukoll id-deċiżjoni li tiċħad l-ilment tar-rikorrenti meħuda fid-9 ta' April 2013;

— jikkundanna lill-konvenut iħallas lir-rikorrenti d-differenza bejn, minn naħa, l-ammont tar-remunerazzjoni li setgħet kienet intitolata għaliha li kieku baqgħet taħdem fi ħdanu u, min-naħa l-oħra, l-ammont tar-remunerazzjoni, tal-onorarji, ta' allowances tal-qgħad jew ta' kwalunkwe allowance oħra sostituttiva li hija effettivament irċieviet mill-1 ta' April 2013 minflok ir-remunerazzjoni li hija kienet tirċievi bħala aġent temporanju;

— jikkundanna lil Europol għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Lulju 2013 — ZZ vs BĊE**(Kawża F-68/13)**

(2013/C 274/51)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet***Rikorrent:* ZZ (rappreżentant: L. Levi, avukat)*Konvenut:* Il-Bank Ċentrali Ewropew**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

Annulament tad-deċiżjoni tal-BĊE li tagħlaq l-investigazzjoni amministrattiva interna kif ukoll ir-rapport tal-investigazzjoni u l-kumpens għad-dannu morali li sofra r-rikorrent.

Talbiet tar-rikorrent

— jannulla d-deċiżjoni tal-Bord Eżekuttiv, tas-7 ta' Jannar 2013, li tiegħu nota tar-Rapport Finali u li tiddeċiedi li tagħlaq l-investigazzjoni amministrattiva interna;

— b'konsegwenza, jannulla l-investigazzjoni u r-rapport tal-investigazzjoni u jerġa' jibda investigazzjoni ġdida b'evalwazzjoni regolari tal-fatti;

— jagħti kumpens għad-dannu materjali li sofra evalwat *ex aequo et bono* għal EUR 50 000;

— jikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Lulju 2013 — ZZ vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-69/13)**

(2013/C 274/52)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* ZZ (rappreżentanti: S. Orlandi, J.-N. Louis, D. Abreu Caldas, avukati)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Suġġett u deksrizzjoni tal-kawża**

Annulament tad-deċiżjoni li jsir il-kalkolu tal-akkreditazzjoni tad-drittijiet għall-pensjoni miksuba qabel id-dħul fis-servizz abbażi tad-DĠI l-ġodda.

Talbiet tar-rikorrent

— jannulla d-deċiżjoni li jiġu kkalkulati s-snin ta' servizz rikonoxxuti fl-iskema tal-pensjoni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem l-"iSPIUE") f'każ ta' trasferiment tad-drittijiet tiegħu għall-pensjoni għal din l-iskema, b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni (iktar 'il quddiem id-"DGI") tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tat-3 ta' Marzu 2011;

— jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.